# 100 Sena Parroċċa

Tagħrif miġbur minn **Keith Muscat**

## Il-Bidu tas-Seklu 20

San Pawl il-Baħar fil-bidu tas-seklu l-ieħor kien proprju raħal żgħir, pittoresk li fih kienu jgħixu xi sajjieda u gabillotti. Ċensiment li sar fl-1901 juri li f'dik is-sena l-popolazzjoni f'San Pawl il-Baħar kienet ta' 185 persuna. Sa minn dejjem ir-raħal tagħna offra refuġju lil mijiet ta' Maltin li kienu jqattgħu l-jiem sħan tas-sajf f'San Pawl il-Baħar, fosthom numru ta' sinjuri u nobbli li bnew id-djar u l-vilel tal-villeġġjatura f'dawn l-inħawi. Il-popolazzjoni fix-xhur tas-sajf kienet tiżdied drastikament u l-ħtiġijiet spiritwali tan-nies kienu jiġu amministrati minn għadd ta' kappelli mifruxa mar-raħal u l-inħawi tiegħu, l-ewlenija fosthom, is-Santwarju Viġendarju ta' San Pawl Appostlu. San Pawl il-Baħar kien jifforma parti mill-parroċċi tan-Naxxar u tal-Mellieħa. Il-Markiża Bugeja, armla tal-filantropu Vincenzo Bugeja, kellha r-residenza estiva tagħha proprju fi Triq it-Torri, fejn illum hemm il-kuvent.

## Il-Ħtieġa ta' Knisja

Minħabba ż-żieda fil-popolazzjoni tul ix-xhur tas-sajf il-Markiża ħasset il-ħtieġa li għandha tinbena knisja ġdida li tkun takkomoda l-ħtiġijiet tan-nies tar-raħal u l-villeġġanti. Dan ir-raħal u n-nies tiegħu kienu ferm għal qalb il-Markiża u fil-ħsibijiet spiritwali tagħha kitbet proprju hekk: *'art imqaddsa bil-preżenza tal-Kbir Appostlu San Pawl, fejn bix-xufftejn tiegħu xerred id-dawl tal-Venġelu u fetaħ qlub il-Maltin kollha.'* Il-Markiża kienet ispirata li tibni din il-knisja proprju nhar it-30 ta' Marzu 1900, meta ġieha ħsieb sabiex tibni knisja f'ġieħ l-Imqaddsa Verġni Addolorata u fl-istess waqt tkun monument li jfakkar is-Sena Mqaddsa u d-90 sena ta' ħajja ta' Papa Ljun XIII.

Fil-ħsibijiet tagħha hi kitbet *'Jien, Anna, Armla Bugeja. L-ispirazzjoni biex nibni l-knisja mqaddsa f'San Pawl il-Baħar f'ġieħ is-Seba' Duluri ta' l-Imqaddsa Verġni Marija Immakulata ġietni fit-30 ta' Marzu 1900, sewwa sew il-jum li bdiet is-settena tad-Duluri ta' Marija Santissima, Sultana tal-Martri.'*



**Papa Ljun XIII**

## Il-Barka tal-Papa

Fid-19 ta' Awissu 1900, mir-residenza tagħha fil-Belt Valletta, hija kitbet lil Papa Ljun XIII u wrietu bix-xewqa tagħha. L-ittra tgħid hekk:

*Missier l-aktar qaddis,*

*Il-Markiża Anna, armla Bugeja, bil-pjaċir ta' l-ordinarju tal-post, l-Eċċ.mu Arċisqof Mons.*

*Pietru Pace, tagħmel il-qalb biex tqiegħed quddiem il-Qdusija Tiegħek dak li l-Kattoliċi b'wirja universali ta' fidi, qed jagħtu lill-Feddej Divin f'għeluq dan is-seklu, li ser jagħlaq b'sena Qaddisa, hija taħseb li ser tagħmel mill-aħjar li tista', biex xejn ma jonqos minn naħa tagħha, u għalehkk iddeċidiet li tiddedika somma biex tinbena knisja, li tiswa wkoll, għalkemm ħaġa żgħira, biex tibqa' tfakkar ġrajja hekk sabiħa, speċjalment fil-post fejn ser tinbena.*

*U dan il-post hu proprju dak, li fih kellu x-xorti jilqa' l-ewwel il-Missier kbir tagħna, l-Appostlu li ġarrab l-għarqa. Hemmhekk fl-istaġun sajfi, imorru ħafna biex joqogħdu, u għalihom ma jkunx hemm biżżejjed u lanqas komdu l-knisja ċkejkna li hemm tinsab; minn hawn ir-raġuni ta' knisja ġdida. Imma dik li qed tagħmel din it-talba, tixtieq ferm, li din il-knisja tkun iddedikata lill-Verġni Sabiħa tas-Seba' Duluri, tinbena bħala sinjal ta' qima kbira lill-Qdusija Tiegħek, meta ser tagħlaq id-disgħin sena, u b'xewqa ħerqana li tgħix għal ħafna snin, ħieni u glorjuż.*

*Imbagħad biex il-kult jista' jsir, kemm jista' jkun sewwa, tagħti din il-knisja lill-Ordni tal-Patrijiet Minuri Konventwali, li dalwaqt ser jieħdu posthom hemmhekk, lilhom wara l-mewt, tħalli l-palazz tal-villeġġjatura.*

*Għalhekk hu mixtieq, li l-Qdusija Tiegħek ikollha l-pjaċir tagħti lilha u l-opra, il-barka Appostolika, flimkien ma' dawk il-favuri spiritwali, li int taħseb fil-Mulej, li huma l-aħjar għall-knisja ġdida.*

*Ff. Markiża Anna Armla Bugeja.*

Il-Papa wera li jaqbel max-xewqa tal-Markiża u kiteb: '*It-Tempju li lil Kristu Feddej, int bi flusek ser tiddedika, Kristu bil-qawwa tiegħi,iwettaq: U aħna nagħtu lilek, minn qalbna l-Barka Appostolika*'.

*Ff. Ljun P.P. XIII.*

L-għidut jgħidu li l-knisja ġiet iddedikata lil Marija Addolorata minħabba li Peppinu, iben il-Markiża Sant Cassia, ħabiba tal-Markiża Anna Bugeja, sab santa tad-Duluri f'wiċċ il-baħar viċin l-Għar. Il-fatt ġara tassew imma l-knisja kienet diġà ddedikata lid-Duluri fil-ħsieb tal-Markiża. Fil-ħsibijiet spiritwali tagħha hi kitbet: '*l-B. Verġni nqdiet b'tifel innoċenti biex turi r-rieda tagħha li tkun rappreżentata bħal dik ix-xbiha ċkejkna.*' Lil Markiża Sant Cassia kienet qaltilha li l-kwadru titulari kien se jkun proprju bħal dik is-santa.

## Il-Bini tal-Knisja

Il-Markiża Anna Bugeja qabdet lil Perit E. Galizia biex iħejji l-pjanta. Ix-xogħol tal-bini beda fit-8 ta' Lulju 1901, taħt it-tmexxija tas-Sur Alfons Micallef, li kien il-prokuratur tal-Markiża. Ix-xogħol tal-bini twettaq taħt id-direzzjoni tas-Sur Pawl Grech Xerri. L-ewwel ġebla tpoġġiet fl-4 ta' April 1902 u x-xogħol tal-bini ntemm fit-13 ta' Frar 1904. Il-bini tal-Knisja sewa lil Markiża s-somma ta' L3,767.7s 3d.

Il-ħsieb tal-Markiża kien li ħdejn il-knisja jinbena Monasteru, infatti fid-djarju spiritwali tagħha nsibu miktub hekk: '*Qrib ta' din il-knisja għad ikun hemm monasteru kbir ta' reliġjużi f'ġieħ s-Seba' Duluri u tas-Seba' Ferħiet ta' l-Imqaddsa Verġni Marija.*' Fl-istess perjodu

l-Vigarju Provinċjali tal-Patrijiet Franġiskani Minuri Konventwali, P. Bonaventura Zahra, kien qed jitħabat biex minn Kustodja li tiddependi minn Sqallija, jagħmel mill-Komunità Reliġjuża tiegħu provinċja. Però biex dan iseħħ kien hemm il-ħtieġa li l-patrijiet ikollhom kunvent ieħor barra dak tal-Belt Valletta, tar-Rabat f'Malta u tar-Rabat f'Għawdex. Malli sema bil-ħsieb tal-Markiża hu talaba sabiex tgħaddi t-tmexxija tal-knisja f'idejn il-Franġiskani Minuri Konventwali u t-talba tiegħu ġiet milqugħa. Għalhekk minflok monasteru nbena kunvent mal-knisja. P. Zahra kiteb lill-Ġeneral ta' l-Ordni, P. Laurentius Caratelli biex jaċċetta l-kunvent u l-knisja u fl-10 ta' Awissu 1904 wieġbu l-prokuratur ġenerali, f'isem il-ġeneral:

*Lill-W.R.P. Mo Bonaventura Zahra,*
*Superjur Provinċjal tal-Minuri Konventwali, Valletta (Malta)*

*Hawn taħt iffirmat, Prokuratur Ġenerali u Delegat ta' l-Ordni Minuri Konventwali, bi ftehim sħiħ mal-Ven. Defenitorju Ġenerali, mlaqqa' fil-jum 7 ta' l-istess xahar, jawtorizza lill-W.R.P. V. Provinqjal Bonaventura Zahra biex jilqa' f'isem l-Ordni għal dejjem, mill-Ill.ma Sinjura Markiża Anna Armla tal-mejjet Ill.mu Markiż Vincenzo Bugeja, il-knisja ddedikata lill-Imqaddsa Verġni Addolorata, flimkien mal-kunvent li hemm magħha, mibni dan l-aħħar bi spejjeż ta' l-imsemmija t-twajba donatriċi Markiża Anna; knisja u kunvent li jinsabu f'San Pawl il-Baħar, 10 mili 'l bogħod mill-Belt Kapitali, iżda jibqa' l-obbligu li jintalab mis-S.Sede l-permess għal din l-aċċettazzjoni, jekk dan il-permess ma ġiex maqlugħ mill-E.T. Rev.ma Mons. Arċisqof.*

*Roma, SS.XXI Apostoli, 10 Agosto 1904.*
*ff. Domenico Reuter,*
*Del. Gen.*

L-att tad-donazzjoni tal-knisja sar nhar it-28 ta' Settembru 1904 fid-dar tal-Markiża fil-Belt Valletta, quddiem in-Nutar Karlu Micallef de Caro. P. Bonaventura Zahra ffirma għall-patrijiet, filwaqt li r-Rev. Salvatore de Conti Manduca u n-neguzjant Beneditt Schembri kienu xhieda tal-kuntratt.

P. Zahra kiteb lis-Sagra Kongregazzjoni ta' l-Isqfijiet u Regolari biex jaċċetta l-parroċċa u b'digriet iffirmat mill-Kardinal Domenico Ferrata u mis-Segretarju A. Giustini qala' l-permess fit-12 ta' Novembru 1904. Fis-27 ta' Frar 1905 ġie mfassal it-territorju tal-parroċċa mill-Kurja.

It-tberik u l-ftuħ solenni tal-knisja sar fid-9 ta' April 1905 mid-delegate ta' l-Arċisqof, il-Vigarju Mons. Salvatore Grech. F'din l-okkażjoni nqrat l-ittra ta' l-Arċisqof Pietru Pace li biha waqqaf lil San Pawl il-Baħar parroċċa, li f'dak iż-iżmien kienet it-tieni waħda f'Malta f'idejn ordni reliġjuż. L-ewwel waħda kienet dik ta' Porto Salvo, f'idejn il-Patrijiet Dumnikani. L-ittra tat-twaqqif tal-parroċċa tgħid:

***Pietru Pace,***

***Għall-grazzja ta' Alla u tas-Sede Appostolika Arċisqof ta' Rodi u Isqof ta' Malta, immedjatament suġġett għall-istess S. Sede, Prelat Domestiku ta' l-Imqaddes Sinjur Papa Piju X.***

*Lill-għeżież ħutna, u lill-maħbubin uliedna fil-Mulej, Kapitlu Kleru u Poplu, saħħa u barka.*

*Għeżież ħuti u maħbubin uliedi,*

*Diġà minn ħafna żmien ilu, il-ħerqa tal-ħidma tagħna pastorali ilha żżomm għajnejha miftuħin fuq dik it-tarf ta' art tal-gżira tagħna, imbierka bil-preżenza u bl-għaraq tal-Kbir Appostlu, Missierna l-aktar maħbub, wara li ġie, bi providenza, fuq artna biex jevanġelizza. Dak il-post ixxurtjat li ħa ismu minn dik il-ġrajja kbira u għadu jissejjaħ sal-lum 'San Pawl il-Baħar', għal bidu battal u li bil-mod il-mod biż-żmien beda jimtela bin-nies, hekk li fi żmiena jifforma ċentru għalih u billi jinsab 'il bogħod mill-parroċċa tan-Naxxar u dik tal-Mellieħa, li jagħmel magħhom, jeħtieġ u bir-raġun kollu, li jkollu l-parroċċa tiegħu fih nnifsu, sabiex il-Kelma ta' Alla tiġi mwassla aħjar lil kulħadd, id-duttrina nisranija mgħallma lil uliedhom, il-quddies, it-tqarbin u l-qrar misjubin bil-ħeffa, is-sagramenti tal-morda amministrati bla diffikultà u mingħajr dewmien u mogħtija kull għajnuna spiritwali u ta' faraġ.*

*U aħna għeżież ħuti u maħbubin uliedi, konna naħsbu, anke qabel għal dan kieku ma kinux ħtiġijiet oħra aktar urġenti fid-Djoċesi ma żammewniex. Imma issa li l-Providenza b'għaġeb ġiet sabiex tfarraġ lilna u lil din il-popolazzjoni. L-Illustrissma u Nobbli Markiża Anna Bugeja, b'sentiment tassew nobbli u ta' bilħaqq nisrani għoġobha tibni bi spejjeż tagħha, proprju fiċ-ċentru ta' San Pawl il-Baħar, knisja sabiħa u tagħmarha bil-ħtiġijiet kollha.*

*Din il-knisja hija diġà lesta, u ġiet mogħtija lill-Wisq Reverendi Patrijiet Minuri Konventwali ta' Malta biex jieħdu ħsiebha u biex lill-fidili ta' dak it-territorju jagħtuhom il-kura u l-għajnuna bil-ministeru tagħhom. Wara li kellna l-kunsens tal-W.R. Kappillan tal-Mellieħa u dak tan-Naxxar u msaħħin bis-setgħa mogħtija lilna mid-Dritt Kanoniku, b'dan id-digriet tagħna ta' llum nifirdu mill-Parroċċa tal-Mellieħa u dik tan-Naxxar, l-imsemmi territorju ta' San Pawl il-Baħar u nwaqqfuh f'parroċċa ġdida għaliha, taħt it-titlu ta' Marija SSma Addolorata bid-drittijiet proprji u b'limiti magħrufin sew, li għamilna permezz ta' persuna esperta fuq pjanta apposta li tinsab ikkonservata mad-dokumenti tal-Kurja tagħna; ħtarna wkoll lil W. R. Patri Mro. Anton M. Hyzler tal-Minuri Konventwali, preżentat lilna mill-komunità tiegħu, biex ikun kappillan ta' l-istess parroċċa bil-fakultajiet meħtieġa biex imexxiha.*

*Għalhekk filwaqt li qed ngħarrfukom; għeżież ħuti u maħbubin uliedi, dan l-att tal-viżta pastorali tagħna, permezz ta' dan l-editt nordnaw biex kulħadd jagħraf bħala kanonikament imwaqqfa l-parroċċa l-ġdida ta' San Pawl il-Baħar, u lill-fidili li joqogħdu fil-limiti ta' l-istess parroċċa nordnawlhom b'mod speċjali biex jilqgħu b'Kappillan tagħhom l-imsemmi Wisq Rev. Patri Mro. Anton Hyzler, u biex jagħtuh qima, ubbidjenza u dawk id-dmirijiet kollha ta' parruċċani tajbin.*

*Nixtiequlkom mill-Qalb ta' Ġesu' u mill-Omm tiegħu Qaddisa l-favuri kollha tas-sema, u aħna nagħtukom, bħala rhan ta' l-istima tagħna, il-Barka pastorali. Mogħtija mill-Palazz Arċiveskovili tagħna tal-Belt Valletta fid-9 ta' April 1905.*

*Pietru Arċisqof ta' Malta*

## L-Ewwel Komunità

L-ewwel komunità tal-patrijiet kienet iffurmata minn P. Anton Hyzler (Gwardjan u Kappillan), P. Ben Guzeppi Cauchi (Viċi-Kappillan), P. Ġużepp Bergomi (Surmast ta' l-Istudenti Professi), Patri Franġisk Vella, Fra Ġużepp M. Cauchi, Fra Manwel M. Ebejjer u l-lajk profess Fra Ġużepp Zerafa u l-lajk Ġużepp Xerri.

## Opri Oħra

Il-Markiża ma ħasbitx biss għall-bini tal-knisja imma wkoll għat-tagħmir. Dan il-proġett swielha ġidha u fir-reġistru ta' l-ispejjeż fl-1906 kitbet hekk '*ma baqagħlix ekwipaġġi, miljuni, palazzi, ġojjelli, ma baqagħli xejn!*'.

Fost opri oħra kien hemm il-paviment ta' l-irħam li sar skond il-kuntratt bid-data tal-15 ta' Frar 1904 ma' Vincenzo Testa u tħallas fis-16 ta' Ottubru 1904 (L135. 3s 5)

Sett qniepen maħduma fl-1906 mid-ditta Benedetto ta' Genoa u oħra tal-quddiesa li nħadmet f'Malta.

Fil-21 ta' Jannar 1904 sar il-kuntratt mal-Pittur Giuseppe Calì biex ipitter ħames kwadri taż-żejt. Il-kuntratt sar quddiem in-Nutar Alfons Maria Micallef u l-pittur kellu jagħmel il-kwadri tat-Titular (Marija Addollorata), San Franġisk tal-Pjagi, il-Madonna ta' Pompei, San Pawl Nawfraġju u l-Immakulata. Il-ħames kwadri qamu L70. Fl-1915 saru żewġ kwadri oħra dak tal-Preżentazzjoni u tad-Difna.

Fonti tal-magħmudija tal-ġebla, maħdum minn Ġużeppi Vella u li tħallas fit-8 ta' Ottubru 1904 (L2. 12s).

Tabernaklu maħdum minn Ġużeppi Debono li qam L20 u tħallas fl-24 ta' Awissu 1904.

Pulplu mħallas fit-30 ta' April 1904 u li fuqu naraw l-arma tal-Markiża.

Fortunato Falzon ħadem konfessjonarju li għalih tħallas L11 fit-12 ta' Ottubru 1904.

Ħames settijiet tal-glorja, metall arġentat, mħallsa fl-1 ta' Settembru 1904 lill-aħwa Muscat u qamu L5.

Armonju, mħallas lil Nani, fit-12 ta' Marzu 1905 u qam L14.15s.

Saret Via Sagra li l-istampi tagħha nġiebu mill-Isvizzera filwaqt li x-xogħol ta' l-injam inħadem minn Vitorio Camilleri. Din swiet L25. 12s u tħallset fit-28 ta' Ottubru 1905.

It-tużell tal-festa u sitt važetti ta' l-alabastru. Sar ukoll ċibolu bir-raġġiera li tħallas fit-13 ta' Jannar 1906.

Fis-7 ta' Marzu 1906 tħallsu tnax-il gandlier ta' metall abjad li swew L11. 10s.

L-antiporta li nħadmet minn Giovanni Vella qamet L5. 16s. Fost affarijiet oħra nsibu wkoll plattin tat-tqarbin tal-fidda li fuqu hemm miktub Anna ved. Bugeja 1892.

## Għeluq

Dak li l-Markiża żergħet kważi mitt sena ilu, Alla għoġbu jkabbar u l-frott li ħareġ minn din il-parroċċa gawdew minnu missirijietna, qed ingawduh aħna u jekk Alla jrid ngħadduh lil ta' warajna aħjar milli sibnieh.

Forsi meta l-parroċċa tagħna twaqqfet b'popolazzjoni ta' 1032 ruħ fl-1905, ftit kienu dawk li basru li din kellha tkun matriċi tal-parroċċi ta' Burmurrad, il-Manikata u l-Qawra. Taħt ħarset Marija, il-Franġiskani, b'tant żelu, wettqu l-ħidma afdata f'idejhom tul dawn il-mitt sena u ħadu ħsieb il-kustodja spiritwali tal-Pawlini u tant eluf oħra li jiġu jżuruna tul ix-xhur tas-sajf.